MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 855/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD ZARB**

**VS**

**ALI IBRAHIM**
**MARY ZAMMIT D'AMATO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ali Ibrahim ta' 28 sena, bin Mouhammed Said u Sultana Mohammed, imwieled Tripoli fit-18 ta' April 1974, residenti fi 199, Flat 4, Triq iz-Zewg Mini, Isla, detentur ta' karta ta' identita' numru 22021 A;

U kontra Mary Zammit D'Amato, ta' 43 sena, bint Joseph u Catherine nee' Grixti, imwielda Zurrieq fis-17 ta' Dicembru 1958, residenti Door 8, Dahlet Gnien is-Sultan, Valletta, bil-karta ta' l-identita' numru 811858 M;

Talli fl-24 ta' Awissu 2002, u matul granet ohra, fil-Belt, Valletta u fi bnadi ohra, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnhom fi zminijiet differenti u li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. fl-istess perjodu, bnew, biddlu, ghammlu, ippossedu, bieghu jew xtraw xi apparat li bih kienu jistghu jikkonnettu kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni;

2. fl-istess perjodu, volontarjament, qatghu, kissru, waqqghu, iddistruggew, ghamlu hsara jew nehhew batterija, makkinarju, fil-gumna, arblu jew materjal iehor jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fil, jew li tkun uzata jew li sservi f'dan it-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamlu xi haga li zzomm jew tfixkel b'xi mod iehor, il-moghdija minn banda ghal ohra ta' messagg;

3. Kif ukoll, fuq tar-Regulatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u

cirkostani, f'dawn il-Gzejer, ipprovdew servizz ta' telekomunikazzjonijiet jew installaw jew haddmu infrastruttura ta' installazzjoni that u skond xi dispozizzjoni ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni jwe bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti minn jew that l-Att biex jiregola t-Telekomunikazzjoni jew fl-istrument li jkun fih l-awtorizzazzjoni;

4. kif ukoll, fuq talba tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bieghhu jew offrew ghall-bejgh, jew ipprovdu jew installaw jew uzaw xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma' dawk l-istandards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew that l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni jew li kienu jafu, jew kellhom raguni valida ghaliex jobsru, li kienu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li jkunu inbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom.

5. Kif ukoll fuq talba tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-
istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, uzaw xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi gha li ma jkunx dak li ghalih kienu gew provduti, jew naqqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlu uzu minnu mhux sew.

Wara illi rat l-Artikoli 298A, 326 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 399(1)(a), l-Artikoli 39(1)(b)(d) tal-Kapitolu 399, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taz-zewg imputati, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssibhom hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti wara illi hadet in konsiderazzjoni illi ma' fadal l-ebda pendenzi mal-Maltacom, qeghda fuq l-ewwel (1),

it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma' jikkommettux reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ukoll fuq it-tieni (2) akkuza, din il-Qorti qeghda tordna liz-zewg imputati illi jhallsu mija u tletin lira maltin (Lm130) dovuti, fiz-zmien gimgha mil-lum, a tenur tal-Artikolu 11.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------